MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Numru. 574/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Graziella Muscat]**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni Numru: 574/2011**

**Illum, 03 ta' Mejju, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Omissis.**

Akkuzat talli gewwa Bormla, bejn is-snin 2007 u 2009, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda cioe talli:-

1) b'eghmil zieni ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' ta' tnax – il sena, cioe lil Omissis,
2) ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe ma' Omissis
3) eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta' tas-sess l-wiehed jew l-iehor, cioe tal-istess minuri Omissis, persuna ta' taht l-eta' ta' tnax – il sena, li lilu giet fdata sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jindukraha jew izommha,

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Omissis u l-familja taghha, kif ukoll ghax-xhieda okulari ohra tal-Prosekuzzjoni u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-artikoli 203(1)(a), 203A u 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat 203(1)(a), 203A u 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett snin prigunerija.

Il-Qorti, sabiex tipprotegi l-identita tal-minuri koncernata, qed tordna li isem l-imputat ma jixxandarx f'l-ebda mezz ta' kommunikazzjoni u/jew stampa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------